MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 74/2010

**Louis Bartolo (KID numru 239783 (M)) ta' 56 Triq Mario De Vasi, Mellieha; Emanuel Sammut (KID numru 502066 (M)) ta' 44 Triq Mario De Vasi, Mellieha; Joe Vella (KID numru 774053 (M)) ta' 58 Triq Mario De Vasi, Mellieha; Charles Cuschieri (KID numru 816256 (M)) ta' 64 Triq Mario De Vasi, Mellieha; Joe Micallef (KID numru 450262 (M)) ta' 32 Triq Mario De Vasi, Mellieha; Brian Calleja (KID numru 27767(M)) ta' 10 Triq Mario De Vasi, Mellieha; James Somerville (KID numru 568460(M)) ta' 18 Triq Mario De Vasi, Mellieha; Dennis Fenech (KID numru 388652 (M)) ta' 2 Triq Mario De Vasi, Mellieha; James Bartolo (KID numru 267666 (M)) ta' 16 Triq Mario De Vasi, Mellieha; Joe Vella (KID numru 431864 (M)) ta' 28 Triq Mario De Vasi, Mellieha; Joseph Borg (KID numru 145963 (M)) ta' 34 Triq Mario De Vasi, Mellieha; Joseph Vella (KID numru 135265 (M)) ta' 46 Triq Mario De Vasi, Mellieha; Charlie Sant (KID numru 636463 (M)) ta' 22 Triq Mario De Vasi, Mellieha; Michael Dingli (KID numru 169161 (M)) ta' 43 Triq Guze` Flores, Mellieha; John Mary**

**Borg (KID 483061(M)) ta' 115 Triq San Benedettu Labre`, Mellieha; Simone Brinch-Iversen (KID numru 38667(M)) ta' 494 Triq il-Qortin, Mellieha; Alfred Micallef (KID numru 658653 (M)) ta' 495 Triq il-Qortin, Mellieha; Raymond Mintoff (KID numru 366757(M)) ta' 496 Triq il-Qortin, Mellieha; Raymond Borg (KID numru 364854 (M)) ta' 497 Triq il-Qortin, Mellieha; Charles Palmier (KID numru 600459 (M)) ta' 498 Triq il-Qortin, Mellieha; Francis Mallia (KID numru 178242 (M)) ta' 489 Triq il-Qortin, Mellieha; Anthony Ventura (KID numru 686750 (M)) ta' 490 Triq il-Qortin, Mellieha; Emanuel Bartolo (KID numru 63457 (M)) ta' 491 Triq il-Qortin, Mellieha; John Camilleri (KID numru 255137 (M)) ta' 492 Triq il-Qortin, Mellieha u Joseph Grech (KID numru 218230 (M)) ta' 493 Triq il-Qortin, Mellieha.**

**vs**

**(1) L-Onorevoli Prim Ministru fil-kwalita` tieghu ta' ministru responsabbli mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-ippjanar tal-izvilupp;**

**(2) L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat tal-imsemmija Louis Bartolo, Emmanuel Sammut, Joe Vella, Charles Cuschieri, Joe Micallef, Brian Calleja, James Somerville, Dennis Fenech, James Bartolo, Joe Vella, Joseph Borg, Joseph Vella, Charlie Sant, Michael Dingli, John Mary Borg, Simone Brinch-Iversen, Alfred Micallef, Raymond Mintoff, Raymond Borg, Charles Palmier, Francis Mallia, Anthony Ventura, Emanuel Bartolo, John Camilleri u Joseph Grech datat 27 ta' Jannar 2010 a fol. 1 tal-process fejn Emmanuel Sammut, karta tal-identita' numru 50266 (M) bil-gurament tieghu ikkonferma illi huwa jaf personalment bil-fatti hawn taht iddikjarati u espona illi: -

L-atturi huma lkoll propjetarji ta' propjeta` fl-Mellieha, fejn huma wkoll residenti u senjatament fiz-zona maghrufa bhala "Ta'Bragg".

Illi faccata tal-propjeta` tal-atturi, hemm qata' art illi sa ftit ilu ma kinetx fabbrikabbli. Madankollu, is-sitwazzjoni nbidlet wara li l-ministru *ad interim* tal-ippjanar tal-izvilupp, l-Onorevoli Gorg Pullicino fil-5 ta' Lulju 2006 ressaq fil-Kamra tad-Deputati Mozzjoni numru 245 li giet approvata fis-seduta numru 427 tas-26 ta' Lulju 2006. Permezz ta' din il-mozzjoni, il-Kamra tad-Deputati approvat Revizjoni Parzjali tal-Pjan ta' Struttura ghall-gzejjer Maltin ('il quddiem imsejha "il-Mozzjoni") u ghaldaqstant, din il-qata' art giet reza fabbrikabbli meta qabel ma' kien hemm l-ebda indikazzjoni li xi darba din se ssir hekk fabbrikabbli u dan l-anqas waqt il-process tal-approvazzjoni tal-Pjani Lokali li kien ghaddej skont il-**Kap. 356**.

Illi din l-art saret fabbrikabbli bl-iskop iddikjarat sabiex jigu kkumpensati sidien ta' art fil-Mellieha stess illi l-art taghhom irrizultat illi ma tistax tigi zviluppata facilment u li kienet ser tigi eskluza miz-zona ta' zvilupp fil-Pjan Lokali tal-Mellieha li gie approvat mill-istess ministru tal-izvilupp tal-ippjanar ftit wara fit-3 t'Awwissu 2006.

Illi l-procedura illi giet adoperata kemm mill-konvenuti kif ukoll mill-Kamra tad-Deputati hija rregolari *stante* illi din il-qata' art f'Ta' Bragg kellha l-ewwel tigi nkluza fil-Pjan Lokali u sussegwentement tigi reza fabbrikabbli bil-Mozzjoni msemmija u mhux kif fil-fatt sar u dana *ai termini* ta' *policy SET 8* tal-Pjan ta' Struttura illi huwa fil-prezent vigenti permezz tal-proviso tal-**artikolu 22 (3) tal-Kap. 356**.

Illi l-Mozzjoni kellha, skont il-ligi, tkopri biss territorji illi kienu gja gew inkluzi fi pjan lokali u ma kellhiex tinkludi territorji illi kienu ghadhom ma gewx inkluzi fl-ebda pjan lokali bhalma hi l-qata' art f' Ta' Bragg.

Illi ghalkemm din il-qata' art f'Ta' Bragg giet reza fabbrikabbli bil-Mozzjoni msemmija, peress illi ma gietx segwita l-procedura idonea, il-Mozzjoni msemmija ma

specifikatx kif it-territorju *de quo* ghandu jigi zviluppat u l-anqas iffissat l-konfigurazzjoni tat-toroq jew l-gholi permess tal-izvilupp f'din il-qata' art, materji li normalment jigu ndirizzati fil-Pjani Lokali mhejjija mill-Awtorita` konvenuta u approvati mill-ministru responsabbli ghall-ippjanar tal-Izvilupp.

Illi sabiex jissuperaw din il-lacuna kkawzata min-non-osseranza lampanti tal-procedura iffissata mill-Pjan ta' Struttura u peress illi l-Awtorita` konvenuta naqset mid-dmirijiet taghha *ai termini* tal-imsemmi **artikolu 28 (1) tal-Kap. 356**, il-konvenuti ppromulgaw, bis-sahha allegatament moghtija lilhom bis-subartikolu tmienja (8) ta' l-**artikolu tmienja u ghoxrin (28) tal-Kap. 356, avviz legali numru wiehed u sebghin (71) tas-sena elfejn u sebgha (2007)** li gie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007) ('il quddiem imsejjah "l-avviz legali").

Illi permezz tal-imsemmi avviz legali, il-konvenuti stipulaw il-procedura illi ghandha tigi segwita fir-rigward ta' territorji li gew rezi fabbrikabbli permezz tal-Mozzjoni msemmija u dana sabiex isir "it-tfassil ta' *zoning,* gholi tal-bini u allinjamenti ta' toroq u bini, ghal siti nkluzi fiz-Zona tal-Izvilupp skont ir-Revizjoni Parzjali tal-Pjan ta' Struttura kif pubblikata fil-Gazzetta fis-27 ta' Frar 2007." u dana peress illi kif diga` ntqal, tali territorji ma gewx inkluzi fil-pjani lokali approvati u l-anqas ma l-Awtorita` konvenuta bdiet l-process ta' approvazzjoni ta' pjan lokali sabiex ikopri tali territorji kif jesigi l-**artiklu 28 (1) tal-Kap. 356**.

Illi l-konvenuti stipulaw il-procedura applikabbli ghat-territorji rezi fabbrikabbli bil-Mozzjoni permess ta' regulament 2(3), regulament 3(c), regulament 4(3)(b) u regulament (4)(3)(c) tal-avviz legali u dana in kontravenzjoni tal-**artiklu 28 (3) u (4) tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta**; illi jiddefinixxi x'tibdil zghir jista' jsir fi pjan lokali. Illi tali procedura tikkomporta s-sottomissjoni ta' applikazzjoni ghall-kontroll tal-ippjanar fit-territorji rezi fabbrikabbli bil-Mozzjoni u li l-parametri ta' zvilupp taghhom ma kienux gew defniti fi pjan lokali.

Illi effettivament huwa kontro-sens legali illi permezz ta' avviz legali illi gie promulgat *ai termini* tal-**artikolu 28 (8) tal-Kap 356**, il-konvenuti jistipulaw il-procedura illi ghandha tigi applikata sabiex jigu ffissati l-parametri tal-izvilupp fit-territorji rezi fabbrikabbli permess tal-Mozzjoni peress illi fl-ewwel lok, l-**artiklu 28 tal-Kap. 356** japplika ghar-revizjoni tal-pjani sussidjarji, u specjalment il-pjani lokali, u fit-tieni lok, territorji bhal dak "Ta' Bragg" illi gew rezi fabbrikabbli bil-Mozzjoni m'humiex inkluzi fl-ebda pjan lokali.

Illi l-**artiklu 28 (3) tal-Kap. 356** jaghmilha cara illi tali "tibdil zghir" ma jistax jolqot "il-konfini ta' zvilupp indikati fi pjani lokali," haga li effettivament il-konvenuti qed jippermettu li ssir bil-procedura stipulata bir-regulamenti sucitati tal-avviz legali.

Illi huwa manifest ukoll *ai termini* tal-**artiklu 28 (4) tal-Kap. 356** illi l-applikazzjonijiet ghall-kontroll tal-ippjanar ikkontemplati mill-imsemmi avviz legali fir-rigward tat-territorji oggett tal-Mozzjoni ma jistghux jitqiesu bhala tibdil zghir ghall-pjan lokali peress illi t-tibdil zghir permess mil-ligi ma jinkludiex it-tfassil tal-allineament tat-triq, tal-gholi tal-izvilupp permissibli u t-tqassim taz-zoni ("zoning") imma l-ligi tippermetti biss tibdil fil-parametri tal-izvilupp imsemmija. Ghaldaqstant, l-Awtorita` konvenuta kellha tadopera l-procedura *ai termini* tal-**artikolu 27 tal-Kap. 356** u mhux il-procedura li giet ikkonfezzjonata *extra leges* permezz tar-regolamenti imsemmija tal-avviz legali *de quo* u dana anke kif jitlob l-**artiklu 28 tal-Kap. 356**.

Illi ghaldaqstant, minkejja l-avviz legali promulgat mill-konvenuti, il-procedura stipulata fl-avviz legali msemmi qatt ma tista' tkun applikata fir-rigward ta' territorji li ma kienux inkluzi fil-pjani lokali bhalma huma t-territorji kollha oggett tal-Mozzjoni, inkluz il-qata' art f'Ta' Bragg fil-Mellieha.

Illi ghaldaqstant, huwa manifest illi r-regolamenti msemmija gew promulgati *ultra vires* il-poteri moghtija lill-konvenuti bil-ligi permezz tal-**artikolu 28 (8) tal-Kap 356** u huma onsegwentement, nulli u llegali.

Illi *inoltre*, il-ipprocessar u l-eventwali approvazzjoni da parti tal-Awtorita` konvenuta ta’ kwalunkwe applikazzjoni ghall-kontroll tal-ippjanar fiz-zoni li gew rezi fabbrikabbli permezz tal-Mozzjoni huwa null u bla effett *stante* illi l-approvazzjoni tal-Mozzjoni *se mai* kienet tinnecessita l-promulgazzjoni ta’ pjan sussidjarju *ai termini* tal-**artikolu 28(1) tal-Kap. 356** u tali htiega legali ma tistax tigi superata bil-procedura stipulata fl-avviz legali msemmi.

Illi huwa manifest illi l-intenzjoni tal-konvenuti hi illi l-procedura stipulata mill-imsemmi avviz legali tkun ukoll applikabbli fir-rigward tal-qata’ art f’Ta’ Bragg fil-Mellieha u fil-fatt, diga giet sottomessa applikazzjoni numru PC 46 tas-sena 2009 sabiex jigu stabiliti l-gholi tal-bini u l-allineament tat-toroq fl-imsemmija qata’ art.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut Onorevoli Prim Ministru fil-kwalita tieghu ta’ ministru *ad interim* responsabbli mill-ippjanar tal-izvilupp ma mexiex skont *policy SET 8* tal-Pjan ta’ Struttura vigenti f’dawn il-Gzejjer meta ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati l-Mozzjoni msemmija fir-rigward ta’ dawk it-territorji illi kienu ghadhom ma gewx inkluzi fi pjan lokali mhejji mill-Awtorita` konvenuta u approvati mill-istess ministru *ad interim* responsabbli mill-ippjanar tal-izvilupp.

2. Bla pregudizzju ghas-suespost, tiddikjara illi l-approvazzjoni tal-Mozzjoni msemmija kienet tinnecessita bil-ligi illi l-Awtorita` konvenuta tibda l-process ta’ adozzjoni ta’ pjan lokali fir-rigward tat-territorji rezi fabbrikabbli permezz tal-Mozzjoni u m’hux precedentement inkluzi fi pjan lokali u dana *ai termini* tal-**artiklu 28 (1) tal-Kap. 356.**

3. Tiddikjara illi l-procedura stipulata bir-**regolamenti 2(3), 3(6), 4(3)(b) u 4(3)(c) tal-avviz legali 71 tas-sena 2007** jiksru l-**artiklu 28(3) u (4) tal-Kap. 356** u gew

promulgati mill-konvenuti “ultra vires” il-poteri moghtija lilhom bl-**artiklu 28(8) tal-Kap. 356**.

4. Tiddikjara illi tali nuqqas da parti tal-Awtorita` konvenuta illi tibda l-process ta’ adozzjoni ta’ pjan lokali fir-rigward tat-territorji relevant ma jistax jigi superat bil-procedura kontemplata bir-regulamenti msemmija tal-avviz legali 71 tas-sena 2007 u senjatament, l-ebda applikazzjoni ghall-kontroll tal-ippjanar ma tista’ tiffissa l-parametri tal-izvilupp illi suppost jigu definiti bi pjan lokali.

5. Konsegwentement tannulla r-regulamenti 2(3), 3(6) u 4(3)(c) tal-avviz legali 71 tas-sena 2007 kif ukoll kwalunkwe applikazzjoni ghall-kontroll tal-ippjanar illi giet sottomessa *ai termini* tar-regolamenti sucitati ta’ tal-avviz legali 71 tal-2007, kemm jekk approvati kemm jekk le, u senjatament l-applikazzjoni numru PC 46 tas-sena 2009 u dana peress illi tali applikazzjonijiet huma msejsin fuq proceduri llegali u promulgati b’mod “ultra vires” kif diga` ntqal u

6. Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra ufficjali tal-hdax (11) ta’ Dicembra tas-sena elfejn u disgha (2009)

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda esebiti a fol. 6 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-4 ta’ Marzu 2010.

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 19 ta’ Frar 2010 a fol 9 tal-process fejn il-PL Joseph Catania bil-gurament espona: -

1. Illi preliminarjament tigi eccepita n-nullita` tal-azzjoni odjerna *stante* illi l-istess Awtorita` qatt ma giet interpellata qabel ma gew imnedija l-proceduri odjerni, u dan kuntrarju ghall-provvedimenti tal-**Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

2. Illi minnghajr pregudizzju ghas-suespost l-involviment tal-Awtorita` esponenti in relazzjoni mal-estenzjoni taz-zoni tal-izvilupp fil-Pjani Lokali li jkopru lill-Malta u Ghawdex gie konkluz mal-prezentata tal-mozzjoni numru 245 quddiem il-Kamra tar-Rappresentanti fil-5 ta' Lulju 2006, u ghaldaqstant l-azzjoni tar-rikorrenti fil-konfront tal-Awtorita` esponenti hija preskritta *a tenur* tal-provvedimenti tal-**artikolu 469A (3) tal-Kap 12.**

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-process tal-estenzjoni taz-zoni tal-Izvilupp fil-Pjan Lokali kif ukoll ir-regolamenti 71 tas-sena 2007 sar wiehed permezz ta' risoluzzjoni tal-Kamra tar-Rappresentanti u l-iehor permezz ta' Regolamenti manruga permezz ta' Avviz Legali mill-Ministru responsabbli, liema process huwa wiehed legislattiv u mhux amministrattiv u ghaldaqstant il-provvedimenti tal-**artikolu 469A tal-Kap 12** mhumiex applikabbli.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, imkien ma jidher illi r-rikorrenti ghandhom xi drift vestit, u *oltre* dan lanqas ma ghandhom l-interess guridiku necessarju fil-konfront tal-esponenti.

5. Illi minnghajr pregudizzju ghas-suespost, l-**Avviz Legali 71/2007** mhuwiex *ultra vires* il-poteri tal-**Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta** jew tal-Pjan ta' Struttura u l-estenzjoni taz-zoni tal-Izvilupp saret in piena ottemperanza mal-provvedimenti tal-**Kap. 356** u tal-Pjan ta' Struttura.

6. Illi l-**Avviz Legali 71/2007** fil-fatt jitkellem dwar il-procedura ta' emendi tal-Pjan Lokali u ghaldaqstant huwa parti integrali mill-process ta' l-istess Pjani Lokali.

7. Illi oltra dan, it-talbiet attrici fil-konfront ta' proceduri pendenti a bazi tal-Avviz Legali 71/2007 huma nfornati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi r-rikorrenti qabel xejn iridu jiddikjaraw u jippruvaw l-interess taghhom u a bazi ta' liema dritt huma qeghdin jaghmlu u jippretendu it-talbiet taghhom.

8. Illi rigward il-process tal-PC 46/2009, jigi rilevat illi dan il-process ghadu pendenti u r-rikorrenti ghandhom kull opportunita` li jippartecipaw f'tali process amministrattiv u ghaldaqstant, l-azzjoni attrici, f'dan ir-rigward hija kontra dak stipulat fil-provvedimenti tal-**artikolu 469 A (4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Salvi eccezzjonijiet ultejuri

Rat il-lista tax-xhieda tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar a fol 11 tal-process.

Rat ir-risposta guramentata tal-Onorevoli Prim Ministru fil-kwalita` tieghu ta' Ministru responsabbli mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-Ippjanar tal-Izvilupp datata 22 ta' Frar 2010 a fol. 12 tal-process fejn l-Onorevoli Prim Ministru Lawrence Gonzi bil-gurament ikkonferma: -

1. Illi preliminarjament t-talbiet attrici huma nfundati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi u dan *stante* illi r-rikorrenti qabel xejn iridu jiddikjaraw u jippruvaw l-interess taghhom u a bazi ta' liema dritt huma qeghdin jaghmlu u jippretendu t-talbiet taghhom.

2. Illi wkoll minghajr pregudizzju qed tigi eccepita n-nullita` tal-azzjoni odjerna *stante* illi ma sarux l-interpellazzjonijjet idoneji li kellhom jsiru skont l-provvedimenti tal-**Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

3. Illi minnghajr pregudizzju ghas-suespost l-hrug tal-Avviz Legali msemmi fir-rikors odjern sar skont il-ligi u a bazi tal-poteri tal-'enabling legislation' li tawtorizza lill-Gvern sabiex johrog l-Avviz Legali kkoncernat

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-process ta' l-estenzjoni taz-zoni tal-Izvilupp fil-Pjan Lokali kif ukoll ir-**regolamenti 71 tas-sena 2007** sar permezz fl-ewwel kaz permezz ta' risoluzzjoni tal-Kamra tar-Rappresentanti u fit-tieni kaz permezz ta' Regolamenti mahruga permezz

ta’ Avviz Legali mill-Ministru responsabbli ta’dak z-zmien, liema process huwa wiehed legislattiv u mhux amministrattiv u ghaldaqstant il-provvedimenti tal-**artikolu 469A tal-Kap** 12 mhumiex applikabbli.

5. Illi fir-rikors l-atturi ma ccarawx bi kjarezza sufficjenti fuq liema bazi qed jibbazaw r-rikjesta taghhom.

6. Illi, minghajr pregudizzju, jekk fil-fatt l-atturi qeghdin jibbazaw il-lanzjanzi taghhom fuq l-**artiklu 469A**, il-fatt li l-process kollu kif ukoll d-decizjonijiet li ttiehdu f’dan il-kuntest ittiehdu wara li giet pprezentata u approvata mozzjoni fil-Kamra tar-Rapprezentanti f’Lulju 2006 jfisser li l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta *a tenur* tal-provvedimenti tal-**artikolu 469A (3) tal-Kap. 12**.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, imkien ma jidher illi r-rikorrenti ghandhom xi dritt vestit, u *oltre* dan lanqas ma jidher li l-istess rikorrenti ghandhom l-interess guridiku necessarju fil-konfront tal-esponenti.

8. Illi minnghajr pregudizzju ghas-suespost, l-**Avviz Legali 71/2007** mhuwiex *ultra vires* il-poteri tal-**Kap 356 tal-Ligijiet ta’ Malta** jew tal-Pjan ta’ Struttura u l-estenzjoni taz-zoni tal-Izvilupp saret in piena ottempranza mal-provvedimenti tal-**Kap. 356** u tal-Pjan ta’ Struttura.

9. Illi l-**Avviz Legali 71/2007** fil-fatt jitkellem dwar il-procedura ta’ emendi tal-Pjan Lokali u ghaldaqstant huwa parti integrali mill-process tal-istess Pjani Lokali.

10. Illi fir-rigward il-process tal-PC 46/2009, ghandu jigi rilevat illi dan il-process ghadu pendenti u minhabba f’hekk r-rikorrenti ghandhom kull opportunita` li jippartecipaw f’tali process amministrattiv u ghaldaqstant, l-azzjoni attrici, f’ dan ir-rigward hija kontra dak stipulat fil-provvedimenti tal-**artikolu 469A (4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat il-lista tax-xhieda tal-Onorevoli Prim Ministru fil-kwalita` tieghu ta' Ministru responsabbli mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-Ippjanar tal-Izvilupp a fol. 14 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-9 ta' Gunju 2011 fejn Dr. Robert Abela talab iktar zmien sabiex jaghmel l-affidavits tal-awtorita` konvenut peress li ghadu kemm jidher fil-kawza issa, ghax il-kawza kienet f'idejn Dr. Ian Stafrace li lahaq CEO tal-MEPA. Dr. Joseph Ellis oppona l-istess talba. Il-Qorti laqghet it-talba ghall-istess affidavits konvenuti ghall-ahhar darba billi tat ghoxrin (20) gurnata zmien ghall-prezentata tal-istess bin-notifika lid-difensuri tal-kontro-parti u l-Qorti ghamiltha cara fic-cirkostanzi, anke habba l-opposizzjoni li saret, li dan it-terminu mhux se jigi estiz. Jekk ikun jehtieg li jsiru kontro ezamijiet, il-Qorti innominat lil Dr. Michael Camilleri sabiex jiffissa seduta jew tnejn ghall-kontro ezamijiet, kollox fil-mori tad-differiment.

Rat in-nota tal-awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 4 ta' Lulju 2011 a fol 120 tal-process li permezz taghha esebiet zewg affidavits.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri flimkien max-xhieda quddiemu prodotta.

Rat il-verbali tas-seduti kollha quddiem din il-Qorti inkluz dak tas-26 ta' Gunju 2012 fejn meta sejhet il-kawza deher Dr. Clint Tabone ghall-intimat, li ta ruhu b' notifikat bid-digriet li l-kawza giet rikjamata ghall-istess data. Il-Qorti laqghet it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata sabiex l-atturi jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom tletin (30) gurnata biex jirrispondu mid-data tan-notifika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-30 ta' Ottubru 2012. Aktar tard deher Dr. Joseph Ellis li ha konjizzjoni tal-verbal tallum u talab li jinghata zmien sal-ahhar ta' Lulju 2012 biex jipprezenta nota ta'

osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet b'dan li Dr. Ellis kellu jinforma lid-difensur tal-kontro-parti b'dan il-provediment.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Awtorita` ta' Malta tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 12 ta' Settembru 2012.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi t-talba attrici hija fis-sens li l-Mozzjoni Numru 245 mressqa fil-Kamra tad-Deputati fil-5 ta' Lulju 2006 u approvata fis-6 ta' Lulju 2006 fejn giet approvata Revizjoni Parzjali tal-Pjan ta' Struttura ma setghetx bil-Ligi kif kienet u dan ghaliex tali mozzjoni setghet issir biss kieku l-art mertu tal-istess kienet gja inkluza fil-Pjan Lokali (SET 8 – **artikolu 8 tal-Kap. 356**; jinghad ukoll li l-**Avviz Legali sussegwenti Numru 71 tal-2007** datat 27 ta' Marzu 2007 ma setghax issir peress li dan ma kienx jammonta ghal tibdil zghir kif specifikat fl-**artikolu 28 (3) u (4) tal-Kap. 356** u ghalkemm l-Awtorita' konvenuta qed tikkontendi li dan l-Avviz sar abbazi tal-**artikolu 28 (8)** dan ma jreggix ghaliex kif inghad tali territorju mertu tal-Mozzjoni msemmija qatt ma kien parti mill-Pjan Lokali.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita' intimata jinghad li din hija bla bazi ghaliex effettivament l-intimati gew notifikati b'ittra ufficjali datata 11 ta' Dicembru 2009 notifikata lill-konvenuti fil-21 ta' Dicembru 2009 (Dok. "LB" – fol. 35). B'hekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar l-eccezzjoni fejn l-intimati qed isostnu li l-atturi ma ppruvawx li ghandhom interess guridiku jinghad li din l-azzjoni hija wahda li saret taht id-disposizzjonijiet tal-

**artikolu 116 tal-Kostituzzjoni** tant li qed tintalab dikjarazzjoni li ligi mhux valida u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda. L-istess jinghad dwar ir-raba’ u s-sebgha’ eccezzjoni tal-intimati.

Illi dwar l-eccezzjoni tal-intimati li l-azzjoni hija perenta taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 469 A (3) tal-Kap. 12** bid-dekors tal-perjodu hemm imsemmi jinghad li dan l-artikolu ma japplikax ghall-azzjoni odjerna ghaliex dak li qed jigi kkunsidrat f’din il-kawza hija azzjoni legislattiva u mhux azzjoni amministrattiva u dan kif ironikament jinghad fit-tielet eccezzjoni tal-Awtorita’ intimata. B’hekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda kif ukoll ohrajn li jirreferu ghall-istess artikolu.

Illi dwar il-mertu jinghad li pjan ta’ revizzjoni huwa kontemplat li jsir skont l-**artikolu 27 tal-Kap. 356** skont il-procedura hemm elenkata, u jidher li din il-procedura giet addottata sabiex isir il-Pjan Lokali, izda peress li jirrizulta li kien hemm parti minnu li biddlu l-konfini tal-Izvilupp skont dak provdut fil-Pjan ta’ Struttura nbdiet procedura skont l-**artikolu 27 (2) (i) tal-Kap. 356** ghat-thejjija ta’ Pjan ta’ Revizzjoni b’dan li ghalhekk kellha tigi segwita l-procedura tal-**artikolu 18 u 22 tal-Kap. 356.** Il-Pjan Lokali gie approvat mill-MEPA fit-18 ta’ Lulju 2006 u mill-Ministru fit-3 ta’ Awwissu 2006.

Illi dan il-Pjan Lokali ma kienx jinkludi l-estensjonijiet ghall-izvilupp li kienu jmorru kontra l-Pjan ta’ Struttura, u dan peress li ladarba kien hemm estensjonijiet ta’ zvilupp li ma kienux inkluzi fil-Pjan ta’ Struttura, din kellha issegwi procedura ohra *tramite* l-approvazzjoni mill-parlament ghaliex din kienet timporta revizjoni parzjali tal-Pjan ta’ Struttura u ghalhekk id-disposizzjonijiet applikabbli huma dawk indikati tal-**artikolu 27 (2) (i) tal-Kap. 356** u l-procedura kontemplata fl-**artikoli 18 u 22 tal-Kap. 356.**

Illi apparti minn dan jirrizulta mix-xhieda tal-Perit Frans Mallia, li minn 2007 kien jokkupa l-kariga ta’ *Assistent Direttur Foward Planning* li appuntu xehed li l-procedura ta’ kif isir Pjan Lokali hija dik indikata fl-**artikolu 27 tal-Kap. 356** u dawn fil-fatt gew approvati f’Awwissu 2006.

Ladarba kien hemm xi artijiet sottomessi u kkunsidrati li ma setghux jigu nkluzi fil-Pjan Lokali ghaliex ma kienux konformi mal-Pjan ta’ Struttura, mela allura kellha tiskatta procedura ohra ghar-revizzjoni tal-Pjan ta’ Struttura skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 27 (2) (i) tal-Kap. 356** u dan ghaliex hawn ikun necessarju dak li l-istess xhud sejjah bhala *“endoresment parlamentari”.* Fil-fatt ghalhekk kien hemm htiega ta’ rizoluzzjoni parlamentari f’dan il-kaz li ghaddiet jew giet approvata fis-26 ta’ Lulju 2006 mentri kien il-Ministru li ffirma l-Pjan Lokali f’Awwissu 2006. B’hekk bil-procedura addoperata l-istess mozzjoni giet approvata qabel ma gie approvat il-Pjan Lokali.

Illi jirrizulta wkoll li l-**Avviz Legali 71 tal-2007** gie promulgat taht id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikoli 28 u 60 tal-Kap. 356** u hawn jinghad ukoll li l-**artikolu 28 (6) (a) tal-Kap. 356** jirreferi ghall-procedura kif stabbilita skont l-**artikolu 27 (2) (a) sa (j).** Ghall-kompletezza jinghad li jekk l-proposta tkun orginat b’applikazzjoni u allura taqa’ taht l-**artikolu 28 (6) (b)** dan jirreferi ghall-**artikolu 29 C (4) u (5) tal-Kap. 356** li wkoll jaghmel riferenza ghall-**artikolu 27 (2) (d) sa (j) u 27 (2) (g) sa (j)** rispettivament. B’hekk emenda ghal Pjan Lokali jekk zghira taqa’ taht l-**artikolu 28 (8)**, u jekk mhux zghir taqa’ taht l-**artikolu 27 (2) ta’ l-Att** u ghalhekk l-Avviz Legali sar taht id-disposizzjonijiet tal-Att Legislattiv li jikkontemplah *(enabling act).* B’hekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-intimati nkluza dik li l-azzjoni hija perenta abbazi tal-artikolu 469A (3) tal-Kap. 12 u dan ghaliex qed jigi deciz li tali artikolu ma japplikax ghall-azzjoni odjerna, u kull eccezzjoni ohra preliminari li hija kontradittorja ma’ dak hawn deciz, izda fil-mertu tilqa’ il-hames u sitt eccezzjoni tal-Awtorita’ intimata u t-tielet, u r-raba’ u t-tmien eccezzjoni tal-intimat Onorevoli Prim Ministru fil-kwalita’ tieghu premessa, b’dan li **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------